

# Il-Kult ta' San Sebastjan bħala Interċessur tal-Pesta

*Il-Pesta ta' Asdod. Pittura ta' Nicholas Poussin fl-1631*

Ftit hawn li għadhom ma ntebħux li din is-sena, 2011, hi waħda partikolari għall-parroċċa ta' San Sebastjan fir-raħal tagħna ta' Ħal Qormi. Huwa l-anniversarju ta' meta 75 sena ilu twaqqfet il-parroċċa. Ċertament hija okkażjoni tajba ħafna biex, kif fil-fatt qed isir, nagħtu ħarsa lejn l-istorja li sawret lil din il-parroċċa. Ġustament, kull meta kienet qed tkun studjata din l-istorja, ma morniex lura biss 75 sena. Il-pedamenti għall-ġrajja tal-1936 kienu ilhom jitħejjew u għalhekk l-istorja tmur ferm aktar lura.

Il-bażi prinċipali li fuqha twaqqfet il-parroċċa, partikolarment id-dedikazzjoni tagħha lill-martri ewlieni ta' Kristu, San Sebastjan, hija l-marda tal-pesta. Fatt pruvat huwa li fi mxiji simili li laqtu lil Malta matul is-sekli, il-poplu dejjem fittex l-interċessjoni divina permezz ta' diversi qaddisin, l-iktar popolari fosthom lejn Santu Rokku, li d-devozzjoni tiegħu f'Malta daħlet mal-wasla tal-Ordni ta' San Ġwann, u San Sebastjan. Peress li fis-16-il seklu tissemma kappella ta San Sebastjan f'Ħal Qormi, hija probabbli ħafna li anke fi żminijiet aktar bikrija ntalbet l-interċessjoni ta' dan il-qaddis martri. Meta fl-1813 faqqgħet waħda mill-agħar imxiji, jidher li Ħal Qormi kien l-aktar raħal milqut. Mhux biss il-poplu kien qed jara l-qerda quddiemu u jsofri t-telf ta' niesu, mhux biss il-biża', li, f'ħin bla waqt, bniedem jista' jkun milqut mill-marda li minbarra t-tbatija kienet tfisser mewt, imma wkoll ir-restrizzjoni imposta li ħadd ma jista' joħroġ mir-raħal u naturalment ħadd ma jista' jidħol. Fatt bħal dan seta' kien ifisser li anke biex jidħlu l-provisti tal-ikel kien hemm diffikultà u allura l-popolazzjoni Qormija kienet qed tara l-għaks madwarha. Il-fidi ma naqsitx u ntalab l-intervent ta' San Sebastjan biex jidħol għall-poplu Qormi.

Dan kien żmien meta kienu jidħlu l-vapuri tal-qamħ mill-Eġittu li kienu jġorru magħhom ukoll il-ġrieden, li kienu mezz qawwi tat-tixrid tal-marda tal-pesta. Fil-fatt il-marda waslet mal-vapur tal-merkanzija San Nikola li daħal minn Lixandra fit-28 ta' Marzu 1813. L-ewwel każ rappurtat kien fl-14 t'April fuq tifla ta' kuntrabandist mill-Belt Valletta

li aktarx kellu kuntatt mal-ekwipaġġ. Jumejn wara faqqa' każ ieħor f'ħanut taż-żraben fil-Belt ukoll imma ma kienx qabel il-5 ta' Mejju li l-awtoritajiet iddikjaraw l-epidemija tal-pesta. Fit-12 ta' Mejju nħarġu diversi regolamenti iebsa biex ikun evitat it-tixrid tal-marda. Tant il-kuntatt ma' nies infettati kien tat-twerwir li r-regolamenti kienu jagħtu amnestija lil dawk il-priġunieri sentenzjati wara li tgħaddi l-pesta jekk huma jġorru l-morda u l-mejta.

Meta ntemmet il-pesta, dawk kollha li rnexxielhom jeħilsuha, urew il-gratitudni tagħhom u d-devozzjoni lejn dan il-qaddis, billi wettqu l-wegħdi tagħhom. Waqt li sar il-lampier fil-kor tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, saret l-istatwa devozzjonali u artistika ta' San Sebastjan waqt il-martirju tal-vleġeġ mill-aħwa skulturi Francesco u Girolamo Fabri. Minn hemm 'il quddiem tibda l-istorja sakemm fl-1819 twaqqfet il-viċi parroċċa u eventwalment fil-25 t'Ottubru 1935, l-Arċisqof Mauro Caruana OSB ippubblika d-digriet tat-twaqqif tal-parroċċa. Il-pussess tal-ewwel kappillan u għalhekk il-bidu tal-parroċċa sar fil-5 ta' Jannar 1936.

## Il-Pesta

Il-pesta hija mxija li kkonfondiet popli sħaħ sa minn żminijiet 'il bogħod. Fl-antik testment insibu li meta l-Filistin ħadu l-Arka tal-Patt, kif tissejjaħ fil-passaġġ l-Arka t'Alla, f'Asdod u qegħduha fit-tempju ta' Dagon, għal darba, darbtejn isibu l-istatwa ta' Dagon wiċċha mal-art. 'Id il-Mulej tqalet fuq l-Asdodin, u għamlet ħerba minnhom, u darabhom bil-morliti'. (1Sam 5: 6) Traduzzjonijiet oħra jqarrbu l-marda aktar lejn il-pesta u anke jsemmu l-ġrieden infettati li allura l-istoriċi jaqblu li l-Asdodin intlaqtu mill-pesta. Din il-ġrajja tidher fil-pittura famuża *Il-Pesta ta' Asdod* li Nicolas Poussin pitter fl-1631 u llum tinsab fil-Louvre ta' Pariġi. Poussin juri t-tensjoni, il-qilla, il-konfużjoni u l-biża tal-poplu waqt il-pesta.

Kien biss fl-1894 li x-xjentist Żvizzeru Alexandre Yersin (1863-1934) skopra l-mikrobu li jwassal għall-infezzjoni tal-pesta u li dan jinġarr mill-ġrieden. Il-mikrobu baqa' msemmi għal dan il-batterjoloġista *Yersinia pestis.* Aktar 'il quddiem instab li l-marda tittieħed mill-bniedem minn gidma ta' bergħud li jkun fuq dawn il-ġrieden, minkejja li jista' jagħti l-każ ukoll li ġrieden ikunu infettati minn bergħud infettat. F'epidemija, il-marda tittieħed ukoll minn bniedem għall-ieħor. Minn hawn beda jkun żviluppat trattament għall-infezzjoni (minkejja li qatt ma nstab vaċċin effettiv biex tkun evitata l-infezzjoni) li flimkien ma' għarfien tal-iġjene, partikolarment sistemi effettivi tad-drenaġġ, tista' tgħid li l-mard tal-pesta m'għadux jidher, għalkemm mhux l-ewwel darba li nisimgħu b'xi każijiet. Flimkien mat-tuberkolożi u t-tifu, il-pesta għadha suġġetta għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa u f'kull każ trid tkun notifikata l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa.

## Kult ta' San Sebastjan

Il-kult lejn San Sebastjan bħala interċessur quddiem Alla l-Missier waqt l-imxija tal-pesta, kif wieħed jista' jikkonkludi minn tant xbihat ta' arti mifruxa mad-dinja ta' dan il-qaddis, mhix xi ħaġa li ħolmu biha l-Qriema jew il-Maltin. Qed insemmu x-xbihat artistiċi, għaliex ħafna minn dawn saru b'wegħdi u radd ta' ħajr għall-ħelsien mill-mard

infettiv, partikolarment il-pesta. Diversi xbihat juru wkoll lil San Sebastjan akkumpanjat minn diversi qaddisin oħra, l-aktar popolari Santu Rokku, bħala xhieda li permezz tal-interċessjoni ta' dawn il-qaddisin kienu salvati n-nies mill-qirda tal-pesta.

Il-bidu tad-devozzjoni lejn San Sebastjan bħala protettur kontra din il-marda kiefra hija xi ftit jew wisq mitlufa fiż-żmien, imma ċertu ġrajjiet u teoriji juru kredibiltà ta' minn fejn setgħet ġiet din id-devozzjoni u kemm fil-fatt hija devozzjoni bikrija u antika.

L-ewwel indikazzjoni jagħtiha San Ambroġ, Isqof ta' Milan mis-sena 374 sa 397, u li kiteb dwar San Sebastjan fi żmien mhux imbiegħed minn meta għex il-qaddis martri. Jacobus di Voragine fil-*Legenda Aurea,* il-Leġġenda tad-Deheb[1], xogħol kbir dwar il-ħajja tal-qaddisin, miktub fit-tieni nofs tas-seklu 13, jaskribi din it-talba lil San Ambroġ:

*It-tixrid tad-demm tal-Imqaddes Martri Sebastjan għall-istqarrija ta' ismek, juri l-għeġubijiet tiegħek; int tqawwi d-djufija u tippremja l-isforzi tagħna, u għat-talb tiegħu (ta' San Sebastjan) tagħti l-għajnuna tiegħek lill-morda.*

Mela San Ambroġ, fi żmien daqshekk bikri wara l-martirju tal-qaddis, diġà juri lil San Sebastjan bħala interċessur quddiem Alla fil-mard u t-tbatija.

Imma qabel xterdet id-devozzjoni tal-qaddis martri bħala interċessur kontra l-mard tal-pesta, il-venerazzjoni lejn San Sebastjan kienet imxerrda ħafna. Il-kult tiegħu nbeda lejn nofs ir-raba seklu meta l-pellegrini kienu diġà qed imorru fuq il-qabar tiegħu fil-katakombi ta' Via Appia f'Ruma u ssaħħet lejn tmiem is-seklu meta nbniet l-ewwel bażilika fuq il-katakombi, liema bażilika oriġinarjament kienet magħrufa bħala *Ecclesia Apostolorum* u li aktar tard kienet iddedikata lil San Sebastjan innifsu, kif għadha sal-lum. La l-kitba dwar il-qaddis mill-omeliji ta' San Ambroġ u lanqas il-*passio,* aktarx mitbugħ matul il-pontifikat ta' San Sistu II (432-440) minn raħeb fil-monasteru maġenb il-bażilika f'Via Appia, ma jirreferu għall-pesta jew għall-martri Sebastjan bħala protettur kontra l-marda. Waqt li San Ambroġ jindika lil Milan bħala l-belt fejn twieled Sebastjan, il-*Passio* jgħid li twieled f'Narbona f'Gallia, illum fi Franza. Imma żgur li kien minn familja minn Milan għax iż-żewġ rakkonti juru t-trobbija ġewwa Milan fil-Lombardija. Il-*passio* jkompli bil-ħajja ta' Sebastjan fl-Imperu Ruman taħt Dijoklezjanu u l-martirji tiegħu, fosthom kif kien salvat minn Irene wara l-ewwel martirju u s-sejba tal-ġisem tiegħu minn Luċina u d-difna fil-katakombi.



*San Sebastjan flimkien ma' San Polikarnu u San Kwirinu fil-katakombi ta' Santa Ċeċilja*



*San Sebastjan u qaddisin oħra f'Sant'Apollinore Nuove f'Ravenna*

Fil-katakombi ta' Santa Ċeċilja f'Via Appia tinsab xbieha mill-aktar bikrija tar-raba' seklu ta' San Sebastjan flimkien ma' San Polikamu u San Kwirinu. Ma tidher l-ebda referenza għall-qaddis bħala suldat jew għall-vleġeġ, imma t-tliet qaddisin jidhru lebsin tunika bajda. Il-kult tal-qaddis infirex fl-art Biżantina ta' Ravenna fejn fil-knisja ta' San Martino u li aktar tard isemmiet Sant'Apollinare Nuovo, madwar is-sena 570 dehret ix-xbieha ta' San Sebastjan f'mużajk li juri segwitu ta' qaddisin lebsin l-abjad li jagħtuk ħjiel tal-filosfi antiki. L-uniku qaddis liebes differenti huwa San Martin ta' Tours li l-knisja kienet iddedikata lilu, b'mantell li hu s-simbolu partikolari tiegħu. Dawn il-qaddisin ilkoll qed iħarsu lejn ix-xbieha ta' Kristu mdawwar bl-anġli.

Il-kult ta' San Sebastjan tant kiber li San Girgor il-Kbir, waqt il-pontifikat tiegħu (590-604) iddikjara lil San Sebastjan bħala t-tielet patrun ta' Ruma, wara San Pietru u San Pawl. Mingħajr ma jidher l-ebda ħjiel storiku, il-Papa Girgor il-Kbir jista' jkun qed jgħaqqad il-marda tal-pesta ma' San Sebastjan. Girgor laħaq papa wara li l-pesta li kienet qed taħkem Ruma fis-sena 590 ħadet magħha lill-Papa Pelaġju II. Hu rrikkmanda ħafna talb għall-fejqan mill-marda u kien għamel purċissjoni fil-Belt ta' Ruma akkumpanjat mix-xbieha Marjana mirakoluża *Salus Populi Romani*, li hi meqjuma f'Santa Maria Maggiore. Fuq il-mosulew tal-Imperatur Adrijanu deher San Mikiel Arkanġlu jislet ix-xabla tiegħu b'sinjal li l-pesta kienet intemmet. Il-post issemma Castel Sant'Angelo propju għal San Mikiel. San Girgor huwa wkoll invokat bħala protettur kontra l-mard tal-pesta.

## Teoriji

S'hawnhekk ma taslilna l-ebda aħbar ta' intervent ta' San Sebastjan f'xi każi ta' epidemiji tal-pesta u lanqas ta' xbihat li juru lill-martri minfud bil-vleġeġ. Qed insemmi l-vleġeġ għax waħda mill-kawżi plawsibbli għall-invokazzjoni ta' San Sebastjan fost il-popli milquta mill-pesta huma propju l-vleġeġ. L-ewwel ħsieb idur mal-feriti li l-qaddis ġarrab mill-vleġeġ u anke mis-swat bil-bsaten li allura setgħu dehru bħala xbieha tal-effetti fuq il-ġilda li kien iġarrab bniedem milqut mill-pesta. Hawn irridu nikkunsidraw li x-xbihat tal-martirju ta' San Sebastjan saru popolari meta l-kult tal-qaddis bħala protettur kien diġà qawwi, u ħafna minn dawn ix-xbihat saru, kif diġà għedna, bħala wegħda lill-qaddis fiż-żminijiet tal-pesta. B'tixbih ma' Apollo, l-alla tal-mitoloġija li kien tefa' l-vleġeġ tal-pesta fuq il-Griegi bħala tpattija, il-popli kienu jħarsu lejn il-pesta bħala vleġeġ li qed jiġu sparati mis-sema. Hekk hija teorija wkoll li San Sebastjan, bħala l-qaddis li wkoll ġie sparat bil-vleġeġ, jintalab il-ħarsien tiegħu mill-qerda tal-pesta. Għall-istess raġunijiet li semmejna, li l-popolarita tal-martirju tal-qaddis bil-vleġeġ ġiet aktar tard mill-invokazzjoni kontra l-pesta (kif se naraw f'din il-kitba), ma tantx wieħed jista' jorbotha bħala l-bidu tad-devozzjoni imma żgur li saħħet din id-devozzjoni. Kienu żminijiet bikrija meta n-nies, minħabba li l-ikonografija ta' San Sebastjan minfud bil-vleġeġ kienet għadha rari ħafna, ftit kienu jafu dwar il-ġrajja tal-qaddis.

## Il-Pesta f'Pavia u Ruma

Imma s-seklu VII jqarribna lejn l-ewwel realtà ta' intervent mirakoluż f'epidemija qalila tal-pesta bl-interċessjoni ta' San Sebastjan Martri. Dan seħħ waqt l-imxija fil-kapitali tal-

Lombardija, Pavia, fis-sena 680. Din il-ġrajja jagħtihielna Pawlu d-Djaknu (c.720-799) fil-kitba tiegħu *Historia Langobardorum*, L-Istorja tal-Lombardi. Fis-sitt ktieb, kapitlu ħamsa, insibu din il-kitba:

*F'dan iż-żmien, matul it-tmien indizju * kien hemm eklissi tal-qamar; seħħ ukoll eklissi tax-xemx** kważi fl-istess żmien tal-ħames jum qabel in-Noni ta' Mejju*** madwar l-għaxar siegħa tal-jum. Wara dan segwiet imxija qawwija tal-pesta għal tliet xhur, jiġifieri Lulju, Awwissu u Settembru, u tant kien kbir l-għadd ta' nies li kienu qed imutu li saħansitra ġenituri b'uliedhom u ħuthom kienu jitpoġġew tnejn tnejn fil-kataletti u jitwasslu lejn qabarhom fil-belt ta' Ruma. Bl-istess mod din l-imxija iddepopulat il-belt ta' Ticinum (Pavia) tant li ċ-ċittadini kollha ħarbu lejn il-muntanji u postijiet oħra u kiber il-ħaxix fil-post tas-suq u madwar it-toroq tal-belt. U issa kien jidher għal ħafna li anġlu twajjeb u anġlu ħażin daru l-belt mal-lejl u għal kemm-il darba, fuq ordni tal-anġlu t-twajjeb, l-anġlu l-ħażin, li deher iġorr lanza tal-kaċċa f'idu, ħabbat il-bieb ta' kull dar bil-lanza, u tant nies f'dik id-dar mietu l-għada. F'rivelazzjoni, ingħad lil wieħed raġel, li l-imxija tal-pesta ma tispiċċax qabel ma jitwaqqaf artal lil San Sebastjan Martri fil-knisja tal-imqaddes Pietru imsejħa Ad Vincula****. U hekk sar, u wara li l-fdalijiet ta' San Sebastjan martri inġiebu mill-belt ta' Ruma, malajr twaqqaf l-artal fil-knisja msemmija u l-pesta nnifisha ntemmet.*

* ċiklu ta' ħmistax-il sena użat fil-medjuevu biex ikunu indikati s-snin. Storikament dan l-indizju jwassal għas-sena 680.

** Xi storiċi jgħidu li l-eklissi tax-xemx seħħew fis-sena 681.

*** 7 ta' Mejju. Għalhekk qed jirreferi għat-2 ta' Mejju.

**** San Pietru fil-Ktajjen

Minn dak li rajna, jidher sew, u storiċi jikkonfermaw, li din hija l-aktar aħbar bikrija tal-kult ta' San Sebastjan kontra l-mard tal-pesta. Kif kien magħżul il-qaddis Sebastjan hija mistoqsija li ma tistax tiġi risposta, imma żgur li l-popolarità tiegħu f'Ruma, li tul is-sekli ma battiet qatt, kienet qed ixxerred id-devozzjoni lejn il-qaddis barra minn Ruma. Il-kwantità ta' pellegrini lejn il-qabar tiegħu, il-fatt li fil-katakombi tal-qabar tiegħu kien hemm ukoll l-oqbra ta' San Pietru u San Pawl u l-ħatra ta'



*Ir-relikwa ta' ras San Sebastjan f'Santi Quattro Coronati*

San Sebastjan bħala t-tielet patrun ta' Ruma mill-Papa Girgor il-Kbir, għamlu minn San Sebastjan qaddis universali. Din il-ġrajja għenet ukoll biex jitjiebu r-relazzjonijiet bejn Ruma u l-Lombardija. Minbarra l-aspetti mirakolużi tal-qaddis, bħala persunaġġ li kien mil-Lombardija waqt li ħadem u miet f'Ruma, San Sebastjan kien il-qaddis perfett biex jgħin fl-għaqda li l-Papa Sqalli San Agatone f'dik is-sena kien qed jipprova jistabilixxi bejn il-Lombardija u Ruma. L-Isqof San Damjan talab lill-Papa San Agatone biex jittieħdu relikwi ta' San Sebastjan lejn il-belt ta' Pavia. Il-wasla tar-relikwa, li tradizzjonalment jingħad li kienet parti mid-driegħ tal-qaddis, qanqlet id-devozzjoni lejh u l-ħelsien mill-pesta mhux biss għamlet il-poplu grat lejn il-qaddis imma qanqlet imħabba lejn il-belt ta' Ruma. Il-kwadru ta' dan kollu jagħqad hekk kif fl-istess sena l-pesta feġġet ukoll fil-belt ta' Ruma fejn ukoll kien hemm, u għadha sal-lum, il-knisja San Pietro in Vincoli, fejn jinsabu meqjuma l-ktajjen tal-karzri ta' San Pietru Appostlu. Imqanqla minn dak li seħħ f'Pavia, Ruma ddedikat artal lil San Sebastjan. Dan l-artal kien ukoll tifkira tal-għaqda mal-Lombardija. Permezz ta' dan l-artal insibu għal darba oħra lill-qaddis martri bħala interċessur għall-belt ta' Ruma wkoll. It-tmiem mirakoluż tal-pesta kemm f'Pavia u kemm f'Ruma fl-istess żmien donnu kien sinjal mis-sema ta' sodisfazzjon għal din il-ħbiberija u għaqda ġdida bejn iż-żewġ popli. Għalhekk l-intervent ta' San Sebastjan ma kienx biss wieħed ta' fejqan tal-ġisem imma kien ukoll wieħed ta' fejqan mill-firda u mibegħda.

Fuq l-artal ta' San Sebastjan fil-knisja ta' Ruma, twaqqaf kwadru fil-mużajk, li, filwaqt li aktarx hu bbażat fuq il-mużajki tas-snin 640-42 fil-kappella ta' San Venanzio f'San Giovanni in Laterano, li juru s-suldati qaddisin tad-Dalmazja, huwa simili għal dak f'Ravenna. Hawn San Sebastjan jidher raġel imdaħħal xi ftit fiż-żmien, indikat mil-leħja bajda, b'tunika bajda u b'kuruna f'idejh. Għal darba oħra l-ebda indikazzjoni ta' vleġeġ jew ta' karriera militari. Din ix-xbieha, li allura issa twaqqfet wara li San Sebastjan kien magħruf għall-interċessjoni tiegħu kontra l-mard tal-pesta, ma juri l-ebda tixbih mal-alla mitoloġiku Apollo, l-alla tal-pesta. Hawn tinsab konferma li San Sebastjan qatt ma kien invokat bħala qaddis tal-pesta b'tixbiha ma' Apollo li fil-mitoloġija nsibuh jitfa' l-vleġeġ tal-pesta fuq il-Griegi. Kieku kien hekk aktarx li din ix-xbieha f'San Pietro in Vincoli kienet tinkludi l-vleġeġ ukoll.

Din il-ġrajja ma kinetx l-unika waħda fejn ir-relikwi ta' San Sebastjan kienu l-kawża ta' għaqda bejn renji u popli u allura rriżultaw f'kult lejn il-qaddis. Meta l-Papa Ewġenju II ħalla li jingħataw relikwi ta' San Sebastjan flimkien ma' oħrajn ta' San Girgor il-Kbir lill-abbati ta' Saint Denis fi Franza, fis-sena AD 826, li min-naħa tiegħu trasportahom lejn l-abbazija ta' Saint Medard fi Soissons, l-Imperatur Lotarju, in-neputi ta' Karlu Manju, Re tal-Franki, kien qed jagħmel minn kollox biex ikollu l-kontroll tal-papat ta' Ruma. Soissons ma kinetx belt ġdida fl-istorja bejn ir-Rumani u l-Franki għax kienet l-aħħar belt f'Gallia[2] li l-Franki rebħu minn idejn l-Imperu Ruman fis-sena AD 486. Għalhekk kienet ta' tifsira partikolari għal Lotarju li kien mir-Renju tal-Franki. Għalhekk b'għotja tant ġeneruża ta' relikwi ta' żewġ qaddisin kbar Rumani lill-belt tal-Franki, Lotarju indika lealtà lejn il-Knisja Kattolika Rumana. B'din l-għotja xegħel il-kult lejn San Sebastjan fost il-Franki. Imma l-għaqda Franka-Rumana fi Soissons ma kinitx l-istess realtà f'Ruma. Minħabba

x-xewqa tal-knisja li r-relikwi jkunu f'post aktar li jixraq lit-titlu tal-qaddis *Defensor Ecclesiae*, Difensur tal-Knisja, u l-biża' minn xi attakk mis-Saraċini, il-Papa Girgor IV (jista' jkun il-Papa Ewġenju II innifsu meta trasporta xi relikwi lejn Saint Medard) trasferixxa l-fdalijiet tal-qaddis martri lejn l-Oratorju ta' San Girgor il-Kbir fil-Vatikan. B'hekk Lotarju ma ħallielu l-ebda ċans li jmidd idejh fuq il-fdal tar-relikwi ta' San Sebastjan fil-katakombi ta' Via Appia. Dan ġara bejn is-snin AD 826-827. Hemmhekk kienu aktar imħarsa u taħt għajnejn l-istess Papa. Il-Papa Girgor IV għamel relikwarju tal-fidda forma ta' urna biex ras il-qaddis titpoġġa fiha biex tkun tista' tintuża f'ċerimonji papali. Aktar tard il-Papa Ljun IV (847-55) trasferixxa dan ir-relikwarju għall-Bażilika ta' Santi Quattro Coronati[3], fejn għadha meqjuma sal-lum fuq l-artal ta' San Sebastjan. Aktar 'il quddiem, ir-relikwa tar-ras infirdet fi tnejn biex il-kranju llum jinsab meqjum fil-bażilika ta' San Pietru. L-urna nfetħet fis-seklu XVII u mbagħad fl-1913, meta l-kranju tqiegħed fir-relikwarju preżenti mogħti mill-Papa San Piju X. Minkejja li l-fatti storiċi fuq ir-relikwarju tal-Vatikan huma nieqsa, il-kolonni klassiċi u l-proporzjonijiet perfetti jindikaw l-eżekuzzjoni tiegħu lejn żmien ir-rinaxximent, lejn tmiem is-seklu XV u l-bidu tas-seklu ta' wara. Dan huwa r-relikwarju li l-parroċċa tagħna għandha x-xorti li tilqa' ġewwa fiha għall-festa titulari ta' din is-sena fl-okkażjoni tal-anniversarju speċjali li qed niċċelebraw.



*Xbieha ta' San Sebastjan f'San Pietro in Vincoli*

Il-Papa Onorju III (1216-27) kien il-papa li laqa' t-talbiet ta' tant pellegrini, li, minkejja li t-teżor tal-fdalijiet ta' San Sebastjan ma kienx hemm, xorta baqgħu jżuru l-qabar tiegħu fil-katakombi ta' Via Appia. Għalhekk saret translazzjoni tal-fdalijiet tal-Imqaddes Sebastjan lejn il-post oriġinali tagħhom fil-25 t'Ottubru 1218 u tqiegħdu f'artal imbierek minn Onorju III nnifsu. Din id-data kienet tiġi mfakkra f'Ħal Qormi meta l-knisja ż-żgħira ta' San Sebastjan kienet għadha viċi parroċċa u ma naħsibx li kien b'kumbinazzjoni li l-Arċisqof Mauro Caruana OSB għażel il-25 t'Ottubru tas-sena 1935 biex ħareġ id-digriet tat-twaqqif tal-parroċċa.

Fil-bidu tas-seklu 17, meta l-Bażilika San Sebastiano fuori le mura, fuq il-katakombi, kienet mibnija mill-ġdid mill-Kardinal Scipio Borghese, l-artal bil-fdalijiet ta' San Sebastjan ittella' fil-Bażilika fejn għadu għall-qima tad-devoti sal-lum.

Il-pellegrini f'Ruma sa mill-bidu kellhom post ieħor li għolla l-kult ta' San Sebastjan, il-Palatino, fejn tradizzjonalment hu mifhum li San Sebastjan ħa l-martirju tal-vleġeġ u ġie salvat mill-armla ta' Castulo, Irene. Minkejja li jidher li diġà kienet teżisti xi knisja dedikata lil San Sebastjan, l-ewwel knisja li għandna aħbar tagħha nbniet fis-seklu 10 u kienet dedikata lil Santa Maria in Pallara, imma 'l quddiem ħadet l-isem tal-qaddis li sofra

l-martirju f'dak il-post u saret magħrufa San Sebastianello. F'din il-knisja tpittru l-ewwel xbihat meħuda mill-*Passio* ta' San Sebastjan b'ħames ġrajjiet: il-martirju tal-vleġeġ, Irene ddewwi lill-qaddis, il-ġisem mejjet tal-qaddis jintefa' fil-foss il-kbir, it-trasportazzjoni tal-ġisem lejn il-katakombi u d-difna. It-tieni martirju li l-martri sofra bil-bsaten kien eliminat. Din kienet tagħti x'tifhem lill-pellegrini li fil-fatt il-qaddis temm ħajtu permezz tal-vleġeġ, kif wara kollox għadu magħruf. Naturalment, dan in-nuqqas ta' tagħrif iċaħħadna mit-tagħrif tal-virtù tal-fortitudni (qawwa) fil-qaddis Sebastjan, li wara li fieq mill-attentat kiefer fuq ħajtu, flok ħaseb għal rasu, ried ikompli bil-missjoni tiegħu u saħansitra mar iwissi lill-Imperatur Dijoklezjanu li kien issentenzjah għall-mewt. Maż-żmien, ix-xbieha ta' San Sebastjan marbut u sparat bil-vleġeġ saret popolari mal-artisti kollha li permezz ta' din ix-xbieha kienu ħafna li wrew il-kapaċità tagħhom fil-qasam tan-nudo, l-anatomija tal-ġisem uman. Eżempju bikri ta' dan huwa l-affresk tas-seklu 11 fi Scala Santa ta' Ruma, fejn bħal dak tal-Palatino, jidher bil-leħja kannella u mdawwar bl-arċiera. Għal darba oħra naraw lil San Sebastjan f'nofs l-arċiera f'wieħed mill-affreski tal-kripta tal-Katidral ta' Anagni, viċin Ruma. Dawn l-affreski jmorru lura bejn is-snin 1173 sal-1179 fejn il-Papa Alessandru III (1159-1181) kien waqqaf artal b'relikwi ta' San Sebastjan flimkien ma' oħrajn ta' San Stiefnu u San Tumas Becket li kien għadu kemm kien kanonizzat mill-istess papa. L-iskrizzjoni mal-affresk ta' San Sebastjan, illum mhux f'qagħda tajba, taqra, *sustinet affixas domino servante sagittas,* jaċċetta l-feriti tal-vleġeġ biex iservi 'l Alla. Minn hawn il-vleġeġ saru s-simbolu ta' San Sebastjan.

Minkejja l-ġrajja kbira tal-intervent mirakoluż ta' San Sebastjan għall-ħelsien mill-pesta minn Pavia fis-sena AD 680, Jacobus de Voragine fil-Leġġenda tad-Deheb li diġà kwotajt aktar qabel, jagħtina x'nifhmu li l-ġrajja fi żmienu ma kinetx daqshekk magħrufa. Għalhekk huwa jirrikapitula *De gestis langobardorum* mix-xogħol ta' Pawlu d-Djaknu, għax kif itenni Jacobus, mhux wisq jafu bl-istorja ta' dan il-poplu. Din il-Leġġenda tad-Deheb, li tant kellha fama kbira matul is-sekli, għenet biex terġa' tixgħel id-devozzjoni lejn San Sebastjan bħala interċessur fil-mard tal-pesta. Il-belt ta' Pavia jidher li baqgħet tfakkar l-intervent mirakoluż. Ċertu Opicino de Canistris jikteb li l-festa ta' San Sebastjan tkun iċċelebrata kull sena fil-knisja ta' San Pietru fil-Ktajjen ta' Pavia. Fil-festa kienu jitqassmu l-*avicule*, ħbejżiet imbierka biex iżommu l-infezzjonijiet 'il bogħod. Dan kien jittiekel min-nies u anke jingħata lill-annimali. Kienu jitqassmu wkoll mudelli ta' vleġeġ żgħar biex jintlibsu kontra l-feriti tal-vleġeġ li issa kienu assimilati mal-mard tal-pesta.

## Xbihat tal-Interċessjoni ta' San Sebastjan

La qed nitkellmu fuq il-vleġeġ, l-affresk votiv ta' San Sebastjan Interċessur, li l-artist Benozzo Gozzoli ħadem fil-knisja ta' Sant'Agostino ġewwa San Gimignano fl-Italja, immortalizza kif l-assimilazzjoni tal-pesta ma' vleġeġ sparati mis-sema, waħħdet għal dejjem lil San Sebastjan bħala l-qaddis li ħa l-martirju tal-vleġeġ, bil-protezzjoni kontra din il-marda tant qalila. Il-belt ta' San Gimignano ntlaqtet mill-imxija tal-pesta bejn l-1462 u l-1464. Gozzoli kien qed jaħdem fuq il-ħajja ta' Santu Wistin fil-kor tal-knisja, meta twaqqaf mill-patrijiet biex jaħdem il-kwadru li jfakkar il-ħelsien mill-pesta. Fil-parti ta'

fuq naraw lill-Missier Etern imdawwar mill-anġli se jitfa' vleġġa. Kristu u l-Madonna għarkopptejhom quddiemu waqt li aktar 'l isfel taħt is-sħab il-figura ta' San Sebastjan wieqaf fuq pedestall qed jinterċedi għall-poplu li jidher warajh. Jidhru wkoll anġli qed ikissru l-vleġeġ qabel dawn jilħqu fuq il-poplu. Fl-istess knisja s-sena ta' wara, Gozzoli reġa' kien kummissjonat xogħol ieħor votiv ta' San Sebastjan fl-istess knisja tal-Agostinjani fejn din id-darba l-qaddis jidher waqt il-martirju tal-vleġeġ.

Xogħol ieħor li hu marbut mal-interċessjoni ta' San Sebastjan Martri waqt il-mard tal-pesta huwa dak ta' Josse Lieferinxe bejn l-1497 u l-1499. Dan kien xogħol ibbażat fuq il-kult ta' San Sebastjan ikkumissjonat mill-Konfraternità ta' San Sebastjan ta' Marsilja għall-artal tal-qaddis fil-knisja ta' Notre Dame des Accoules biex ifakkar il-qerda fl-Ewropa tal-mewt is-sewda fis-seklu 14, l-akbar pandemija tal-pesta li baqgħet tissemma. Illum dan ix-xogħol narrattiv jinsab imferrex f'diversi partijiet tad-dinja, xii wħud minnu wkoll mitlufin. Il-panew prinċipali tan-nofs, li llum hu mitluf, kien juri lill-qaddisin Sebastjan, Rokku u Antonio. Tmien panewijiet miegħu huma Sebastjan jeqred l-istatwi tal-allat, quddiem Dijoklezjanu, il-martirju tal-vleġeġ, il-kura minn Irene, il-martirju tas-swat, pellegrini ħdejn il-qabar tal-qaddis, waqt li ieħor mitluf kien il-qaddis iżur il-ħabs. Għas-suġġett tagħna, l-aktar panew interessanti hu San Sebastjan jinterċedi fil-pesta ta' Pavia, li llum jinsab fil-Walters Art Gallery ta' Baltimore l-Istati Uniti. Hawn naraw belt fortifikata waqt li Kristu fis-sema qed joħroġ idejh lejn San Sebastjan li jinsab għarkopptejh quddiemu minfud b'għadd ta' vleġeġ. Aktar 'l isfel anġlu liebes l-abjad qed jordna lix-xitan iwettaq il-qerda tiegħu fuq il-belt. Fuq l-art xena ta' iġsma mejta sejrin għad-difna, fejn wieħed li qed iġorr mejjet jintlaqat dak il-ħin mill-marda waqt li nies oħra qed jibku. Il-kleru ħiereġ mill-knisja bis-salib u s-sassla tal-ilma mbierek waqt li jinqara l-missal.

Waqt li ħafna mix-xbihat artistiċi ta' San Sebastjan





*San Sebastjan Interċessur u San Sebastjan Martri fil-knisja ta' Sant'Agostino ġewwa San Gimignano fl-Italja. Xogħol l-artist Benozzo Gozzoli*

Martri matul is-sekli huma votivi għall-interċessjoni tal-qaddis waqt il-pesta, dawn li semmejna, partikolarment juruh bħala protettur.

1 Dwar il-Leġġenda tad-Deheb ara Powell A (Ktieb Festa 2008) *Legenda Aurea, Il-Leġġenda tad-Deheb.* Għaqda Armar San Sebastjan, Ħal Qormi.

2 Gallia huwa reġjun antik minn Żmien il-Ħadid sal-ħakma Rumana tal-Punent tal-Ewropa li kien jinkorpora lil Franza, il-Belġju, il-Lussemburgu, parti kbira mill-Iżvizzera, il-Punent tal-Italja ta' Fuq u partijiet mill-Ġermanja u l-Olanda. Fi kliem sempliċi ngħidu li l-partijiet mirbuħa mill-Franki llum huma Franza.

3 Bażilika dedikata lill-erba' qaddisin martri li jissemmew fil-Passio Sancti Sebastiani li jagħtina x'nifhmu li hija r-raġuni għaliex intgħażlet biex tilqa' fiha din ir-relikwa ta' San Sebastjan.

**Referenzi:**


- Mormando F. & Worcester T. ed. (2007) *Piety and Plague.* Truman State University Press
- Boecki C. M. (2000) *Images of Plgue and Pestilence.* Truman State University Press
- Foulke W. D. (Translation 1907) (1974) *Paul the Deacon's History of the Longobards (Historia Langobardorum).* University of Pennsylvania
- Little L. K. (2007) *Plague and the End of Antiquity: the Plague of 541-750.* Cambridge University Press
- Kohn G. (1995) *Encyclopedia of Plague and Pestilence.* Infobase Publishing
- Brown P. (1981) *Cult of the Saints.* University of Chicago
- Spiteri R. *The Plague of 1813-1814.* schoolnet.gov.mt



Pinto

Pastizzeria & Confectionery

**Caterers for all Functions**

**Robert Mercieca**
*Proprietor*

**Triq iċ-Ċawsli, Qormi**
**Tel: 21442887 (Dolceria), 21440373 (shop)**
**Mob: 9944 3394**